

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni tbeğħdet mir-regoli tagħha dwar il-prassi, wettqet żball ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju ta' ugwaljanza meta ddeterminat l-ammont tal-multa billi kkalkolat il-“valur tad-dħul mill-bejgħ” rilevanti għall-ksur fuq il-bażi tal-bejgħ totali lill-klijenti taż-ŻEE.
- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni tbeğħdet mir-regoli tagħha dwar il-prassi, wettqet żball ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju ta' ugwaljanza meta ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-partikolaritajiet tal-każ u n-natura tal-industrija inkwistjoni (inkluż l-effett tal-kartell tal-Air Cargo).
- (3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li kellha l-kompetenza fir-rigward tal-ksur tal-advanced manifest system qabel l-1 ta' Mejju 2004.
- (4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-kummissjoni tbeğħdet mir-regoli tagħha dwar il-prassi meta applikat b'mod żbaljat id-diskrezzjonalità tagħha fir-rigward tal-proċedura ta' regolament.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2012 — Unister vs UASI (Ab in den Urlaub)

(Kawża T-273/12)

(2012/C 243/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Unister GmbH (Leipzig, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Hug u A. Kessler-Jensch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneralij jogħġogħa:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-3 ta' April 2012, fil-Każ R 2150/2011-1;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali “Ab in den Urlaub” għal servizzi fil-klassijiet 35, 39, 41 u 43 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Komunitarja Nru 9 692 286

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009
 - ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009
-

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2012 — Alfastar Benelux vs Il-Kunsill

(Kawża T-274/12)

(2012/C 243/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alfastar Benelux (Ixelles, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Keramidas u N. Korogiannakis, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneralij jogħġogħa:

- tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut naqas milli jissodisa l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 266 TFUE, peress li, minkejja li ntalab formalment jagħmel hekk, huwa naqas milli jadotta miżuri sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Ġeneralij tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Ottubru 2011 fil-Kawża T-57/09 Alfastar Benelux vs Il-Kunsill u sabiex jiddefinixxi l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward fit-terminu stabilit;
- tordna lill-konvenut jadotta l-miżuri kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Ġeneralij tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Ottubru 2011 fil-Kawża T-57/09 Alfastar Benelux vs Il-Kunsill u sabiex jiddefinixxi l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward;
- tordna lill-konvenut sabiex iħallas id-danni lir-rikorrenti li jammontaw għal EUR 20 000 skont l-Artikolu 340 TFUE; u
- tordna lill-konvenut għall-ispejjeż legali u għal spejjeż oħra sostnuti b'rabta ma' dan ir-riktor, anki jekk dan ir-riktor jiġi miċħud.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, li jallega li l-konvenut naqas milli jissodisa l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 266 TFUE, peress li, minkejja li ntalab formalment jagħmel hekk, huwa naqas milli jadotta miżuri sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Ġeneralij tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Ottubru 2011 fil-Kawża T-57/09 Alfastar Benelux vs Il-Kunsill u sabiex jiddefinixxi l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward fit-terminu stabilit.